**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 263/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Carmel FARRUGIA**

**Illum, 28 ta' Awwissu 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-20 ta' Ġunju 2023 fil-konfront ta' **Carmel FARRUGIA**, bin Carmel u Joan Cassar, imwieled nhar id-19 ta' Novembru 1955, residenti ġewwa The Muses Res Brio Crt, P/H 8, Triq ta' Lanza, Żabbar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0816255(M), li ġie mixli talli:

   Nhar it-23 ta' Settembru 2021, għall-ħabta tat-07:45hrs, kif ukoll fil-ġranet u l-ħinijiet ta' qabel fl-inħawi ta' Siġġiewi u f'dawn il-Gżejjer Maltin, waqt staġun magħluq għat-teħid tal-għasafar, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett

(għasafar tal-għana) taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawk ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha u dan bi ksur tar-Regolament 18(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel użu minn xbieki u dan bi ksur tar-Regolament 7(1)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42;

Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt staġun magħluq għat-teħid tal-għasafar, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett (Birwina) taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjun ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III ċioe` *Charadrius Morinellus* (Birwina) inkluż fl-Iskeda I, u meta dawk l-għasafar ma ġewx dikjarati mal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jew il-predeċessur tagħha sal-31 ta' Mejju 2003, u mingħajr ma kont fil-pussess ta' permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha jew mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi għaż-żamma ta' dak l-għasfur skond id-dispozizzjonijiet tar-Regolament 21; jew kienu ġew importati legalment skond id-dispozizzjonijiet tar-Regolament 6(1)(a) jew 6(1)(b), jew kienu ġew meħuda fi Stat Membru fejn il-kaċċa jew it-teħid tagħhom saret skond il-liġi jew b'xi mod ieħor akkwistati b'mod legali skond id-Direttiva 2009/147/KJE tal-UE, jew imrobbija fil-magħluq, u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42;

Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser xi disposizzjoni, restrizzjoni, jew projbizzjoni mposta minn jew taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u ċioe` billi ttanta jżomm lil xi għasfur, kemm ħaj jew mejjet, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III u ċioe` *Charadrius Morinellus* (Birwina) (inkluża fl-Iskeda I), meta dawk l-għasafar ma kinux ittieħdu fi Stat

Membru ieħor fejn ikun jista' jittieħdu jew jinqabdu legalment taħt id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/709/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru l-ieħor u dak l-għasfur ma kienx miġjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(f) u 27(1)(d) tal-Avviż Legali 79 tal-2006, hekk kif emendat bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċċja jew ipprova jikkaċja lil xi għasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe` *Charadrius Morinellus* (Birwina) inkluża fl-Iskeda I), u dan bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, hekk kif emendat, tordna l-konfiska ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(a), 5(1), 7(1)(e), 18(1)(ċ) u 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006 hekk kif sussegwentement emendat, illiberat lill-imputat (illum l-appellant) **Carmel FARRUGIA** mir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, filwaqt li sabitu ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih (ċioe` tal-imputazzjoni numru wieħed, tnejn, tlieta u sitta) u konsegwentement ikkundannatu għall-multa ta' ħamest elef ewro (€5000), li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekutivi ta' mija u ħamsin ewro (€150) fix-xahar. F'każ li l-ħlas isir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli

jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx, jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Il-Qorti, fit-termini tar-Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ukoll ir-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ skont dawn ir-Regolamenti u skont it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Carmel FARRUGIA** appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors ta' l-appell intavolat minnu nhar it-3 ta' Lulju 2023, u talab lil din il-Qorti sabiex:

*"1. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tat-tieni akkuza;*

*2. Thassarha u tirrevokaha u minflok tilliberah f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel, tat-tielet u tas-sitt akkuzi.*

***B'mod alternattiv:***

*3. F'każ li sentenza tibqa' invarjata, tingħata piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ.*"

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi b'risposta ntavolata nhar il-25 ta' Marzu 2024, l-Avukat Ġenerali wieġbet illi din il-Qorti għandha tirrispinġi l-aggravji tal-appellant u konsegwentement tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Ġunju 2023, u dan għar-raġunijiet indikati minnha fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi l-partijiet trattaw il-mertu tal-appell fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti nhar is-26 ta' Marzu 2024.

## F. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi qabel xejn irid jingħad illi fil-korp tar-rikors tal-appell, l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex "*tirrimanda l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) halli jigi evalwat jekk id-disposizzjoni hawn fuq citata, ossia l-artikolu 27(2) tal-Proviso (a) tal-L.S. 549.42 hux lesiv ghad-drittijiet tieghu taht artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taht l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*". Madankollu, din it-talba m'hijex riflessa fit-talba fir-rikors tal-appell tal-istess appellant. Il-Qorti tinnota wkoll illi fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, l-avukat difensur tal-appellant illimitat ruħha sabiex titratta l-appell fil-mertu, u fl-ebda waqt ma qajmet dan il-punt jew talbet lil din il-Qorti sabiex tikkunsidra din ir-referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali), qabel ma tiddeċiedi l-appell, b'dan għalhekk illi l-appell baqa' differit għas-sentenza. F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk din il-Qorti se toqgħod mat-talba fir-rikors tal-appell, u tgħaddi sabiex tikkunsidra l-mertu tal-aggravji mqajma mill-appellant.

7. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-23 ta' Settembru 2021, għall-ħabta tas-07.30 a.m., PS 130 R. Farrugia mill-*Environment Protection Unit,* irċieva rapport mingħand Fiona Burrows, membru tal-*Committee Against Bird Slaughter* (*CABS*), u dan fis-sens illi kien qed isir insib illegali fil-limiti tas-Siġġiewi. Għalhekk PS 130 u PC 544 D. Micallef iltaqgħu ma' Fiona Burrows u ma' Patricia Molina Garcia, membru ieħor tal-*CABS* ġewwa s-Siġġiewi, illi ndikawlhom il-lok fejn kien qiegħed isir l-allegat insib. Hekk kif waslu ħdejn l-għalqa in kwistjoni, PS 130 innota illi kien hemm persuna maskili fin-nofs tal-għalqa, b'gabjetta quddiemu. Għalhekk l-Uffiċjali tal-Pulizija daħlu ġewwa l-għalqa, fejn identifikaw lill-imsemmija persuna bħala Carmel FARRUGIA, l-appellant odjern, li minnufih ingħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, inkluż id-dritt illi jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel illi ma jeżerċitahx, u ffirma d-dikjarazzjoni relattiva. Mill-affidavit ta' PS 130, jirriżulta illi quddiem l-appellant FARRUGIA, kien jidher mansab armat bix-xibka mifruxa mal-art. Fil-mansab kien hemm gabjetta b'għasfur taż-żebbuġ u qafas tal-injam li kien fih Birwina. Ix-xbieki u l-għasafar ġew elevati, u l-appellant ingħata riċevuta. Huwa ġie infurmat illi kienu se jinħarġu akkużi fil-

konfront tiegħu rigward insib fi staġun magħluq.[1] Nhar id-19 ta' Settembru 2022, bdew il-proċeduri fil-konfront tal-appellant FARRUGIA quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u kif ingħad, ingħatat sentenza fil-konfront tiegħu nhar l-20 ta' Ġunju 2023.

8. Illi fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jillanja dwar l-apprezzament żbaljat tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), li wassal għas-sejbien ta' ħtija tiegħu dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet. Huwa jilmenta wkoll mil-limitazzjonijiet serji li, skont hu, jikkaratterizzaw l-investigazzjoni kondotta mill-Pulizija. L-appellant jagħmel referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Busuttil** tat-12 ta' Mejju 2022, u dan b'referenza għall-elementi li jeħtieġ illi jirriżultaw sabiex ikun jista' jingħad illi jkun hemm insib, b'mod partikolari in kwantu l-istess Qorti qieset illi jeħtieġ illi tiġi ppruvata, fost oħrajn, l-azzjoni pożittiva ta' bniedem. Skont l-appellant, fil-każ odjern, la l-Uffiċjali tal-Pulizija, u lanqas ir-rappreżentanti tal-*CABS*, ma kkonfermaw illi raw lill-appellant jonsob b'mod attiv. L-appellant jisħaq illi PS 130 u PC 544, fl-affidavits tagħhom, indikaw li kif waslu fuq il-post huma sabu lill-appellant f'nofs l-għalqa u mhux ġewwa d-dura. Jgħid l-appellant illi l-Uffiċjali tal-Pulizija jsemmu biss ix-xbieki li kienu armati fl-affidavit tagħhom, u kien biss fil-kontro-eżami, skont l-appellant, "*bl-aktar mod konvenjenti*", illi huma jsemmu illi l-mansab kien armat bil-molol, lasti, spag u ġbid, iżda ma ħadux ritratti ta' dawn sabiex isaħħu l-verżjoni tagħhom u elevaw biss ix-xbieki. L-appellant jgħid illi l-mansab kien fih biss xbieki armati ftit ġranet qabel il-bidu tal-istaġun, liema xbieki ma setgħux jintużaw waħedhom mingħajr molol, lasti, spag u ġbid u wisq inqas ma setgħu jintużaw għall-insib la darba huwa ma ġie nnutat fl-ebda ħin ġewwa d-dura. Skont l-appellant, dan jista' jiġi vverifikat ukoll mill-filmat li ġie ppreżentat mir-rappreżentant tal-*CABS*, Fiona Burrows. Għaldaqstant, isostni l-appellant, huwa ma jistax jaqbel mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illi l-preżenza tiegħu f'nofs għalqa u x-xhieda in kontro-eżami tal-Uffiċjali tal-Pulizija li qalu li "*minghalihom li minn dak li jiftakru*" il-mansab kien

[1] Ara l-affidavit ta' PS 130 R. Farrugia, a fol. 12 tal-proċess, u l-affidavit ta' PC 544 D. Micallef, a fol. 13 sa 15 tal-proċess.

fih molol, lasti, spag u ġbid, huma sufficjenti sabiex tinstab ħtija fih sal-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali.

3. Illi fir-rigward tat-tielet u s-sitt imputazzjonijiet, l-appellant FARRUGIA isostni illi l-Prosekuzzjoni fl-ewwel lok naqset milli tipprova li huwa kien qiegħed *'jikkaċċja'* jew *'jaqbad'* jew *'jieħu'* l-għasfur in kwistjoni u ċioe` il-Birwina, magħruf ukoll bl-isem xjentifiku ta' *Charadrius Morinellus*. L-appellant jidentifika numru ta' nuqqasijiet fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll fl-investigazzjoni kif kondotta, liema nuqqasijiet skont hu, jitfgħu dubju fuq il-ħtija tal-appellant fir-rigward. L-appellant jilmenta wkoll minn dak li qieset il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta għażlet illi tistrieħ fuq ix-xhieda tal-Uffiċjali tal-EPU għall-fini ta' identifikazzjoni tal-għasfur protett bħala l-Birwina, sempliċement għaliex dawn kienu ilhom numru ta' snin jagħmlu dak ix-xogħol u li għalhekk kellhom l-esperjenza meħtieġa sabiex jidentifikaw għasfur. L-appellant jirreferi għall-fatt illi minn imkien mix-xhieda tal-membri tal-*CABS* ma jirriżulta illi dawn raw ukoll għasfur ieħor fuq il-lok, għajr għall-*hawfinch* li jirreferu għalih fix-xhieda tagħhom, kif ukoll illi lilhom, l-Uffiċjali tal-Pulizija kienu qalulhom biss illi kienu ġew elevati x-xbieki u l-*hawfinch*, mingħajr għalhekk ma ssemmiet il-Birwina. Għalhekk l-appellant jisħaq illi jqumu dubji serji fuq il-preżenza tal-Birwina u l-użu tagħha għall-fini tal-insib u allura l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issibu ħati tat-tielet u tas-sitt imputazzjonijiet.

4. Illi din il-Qorti tibda billi tfakkar li l-prinċipju regolatur imħaddan fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jibqa' dejjem dak illi din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi kif magħmul minn dik il-Qorti, kemm il-darba jirriżulta illi l-ewwel Qorti setgħet raġonevolement u legalment tasal għal dik il-konklużjoni li tkun waslet għaliha. F'dan il-kuntest, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit</u>** fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma

tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[2]

5. Illi jibda biex jingħad illi ma jirriżultax ikkontestat mill-appellant illi dakinhar tat-23 ta’ Settembru 2021, għall-ħabta tal-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni odjerna, huwa kien jinsab fl-inħawi tas-Siġġiewi, preċiżament fl-għalqa fejn instab mill-Pulizija, wara r-rapport li għamlu l-membri tal-*CABS*, jew illi huwa kien l-istess persuna li osservaw il-membri tal-*CABS* fl-għalqa in kwistjoni, qabel ġew fuq il-post l-Uffiċjali tal-Pulizija. Mir-rapport esebit minn Fiona Burrows, jirriżulta illi huma għamlu r-rapport tagħhom lill-Pulizija fis-7.08 a.m., fil-waqt illi l-Pulizija waslu fuq il-post fit-7.40 a.m. u għalhekk ftit tal-ħin wara li daħal ir-rapport. Għaldaqstant jirriżulta ppruvat illi l-appellant FARRUGIA kien l-istess persuna li raw il-membri tal-*CABS* fl-għalqa in kwistjoni, dwar liema għalqa rrappurtaw illi minnha kien qiegħed isir insib għall-għasafar fi staġun magħluq u illi ġie ftit tal-ħin wara identifikat mill-Pulizija fuq il-post. Jirriżulta wkoll ppruvat illi fil-jum in kwistjoni, l-istaġun tal-insib għall-għasafar kien magħluq u ma kien hemm l-ebda deroga miftuħa fir-rigward.[3]

6. Jingħad illi din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti qabilha, rat il-filmat esebit bħala Dok. FB minn Fiona Burrows, mil-liema filmat jidher biċ-ċar kif l-appellant kien qiegħed ġewwa d-dura. Fil-ħin illi fih il-Pulizija waslu fuq il-post, l-appellant intlemaħ band’oħra ġewwa l-għalqa, ossia skont l-

---

[2] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

[3] Ara x-xhieda ta’ Nicholas Grech mill-*Wild Birds Regulation Unit*, a fol. 22 tal-proċess.

affidavit ta' PS 130, fin-nofs tal-għalqa, fejn quddiemu kienet tidher gabjetta. Mix-xhieda ta' Fiona Burrows jirriżulta kif minn barra hija setgħet tara lill-appellant "*moving around where the hide was*"[4], għalkemm ma ratux bil-qegħda ġewwa d-dura. Kemm Fiona Burrows, kif ukoll Patricia Molina Garcia irreferew għall-għalqa in kwistjoni bħala "*trapping site*" u dan in kwantu huma setgħu jinnutaw xbieki mpoġġija mal-art u għasfur taż-żebbuġ (*hawfinch)* ġo gaġġa, li kien qiegħed jintuża bħala lixka (*decoy).* Iżjed minn hekk madankollu, apparti illi fl-affidavit tiegħu, PS 130 jixhed illi "*kien jidher mansab armat bix-xbieki mifruxa ma' l-art fejn kien hemm l-għasafar impoġġija*"[5], in kontro-eżami huwa jixhed illi l-mansab kien armat b'kollox, "*Bil-lasti, bil-molol, bil-wires*"[6]. Minkejja illi l-appellant jittenta jqajjem dubju dwar din ix-xhieda in kontro-eżami, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex temmen il-verżjoni ġuramentata tal-istess PS 130, fis-sens illi l-mansab kien ikkargat. Fl-affidavit tiegħu, imbagħad, huwa jgħid kif fil-mansab kien hemm gabjetta b'għasfur taż-żebbuġ u qafas tal-injam b'Birwina fih. PC 544 ukoll jikkonferma illi fuq il-mansab kien hemm għasfur taż-żebbug u Birwina.

7. Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi jirriżultaw diversi provi ċirkostanzjali li fl-assjem tagħhom u b'mod univoku, iwasslu għall-konklużjoni, fil-grad rikjest mil-liġi, illi fil-jum in kwistjoni, l-appellant kien qiegħed jonsob fi staġun magħluq. L-appellant ġie osservat fl-għalqa fejn kien hemm mansab armat u attiv, b'żewġ għasafar ħajjin fil-gabjetti fuq l-istess mansab, illi allura kienu qed iservu bħala lixka, u l-istess appellant deher kemm fid-dura, kif ukoll fl-inħawi tagħha, inkluż ukoll viċin il-mansab u l-gabjetti, bil-mansab viċin id-dura. Għaldaqstant, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, li tikkontempla r-reat taħt ir-Regolament 18(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42.

8. Illi permezz tat-tielet imputazzjoni, imbagħad, l-appellant jinsab akkużat bir-reat taħt ir-Regolament 4(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, fir-rigward ta' liema l-ewwel Qorti, ikkonkludiet illi la darba l-istaġun tal-

[4] A fol. 23 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 12 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 39 tal-proċess.

insib kien magħluq, tapplika r-regola ġenerali illi kull għasfur huwa wieħed protett u għalhekk sabet lill-appellant ħati. Fil-fatt ir-Regolament 4(1) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja jibda bil-kliem "*Kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali hija protetta*" u għaldaqstant, kienet korretta l-ewwel Qorti meta sabet lill-appellant ħati wkoll tat-tielet imputazzjoni. F'dan ir-rigward irid jingħad ukoll illi jirriżulta wkoll, fil-fehma ta' din il-Qorti, kif irriżulta wkoll lill-ewwel Qorti, illi l-appellant fil-fatt kien qed jonsob għall-Birwina, ossia għasfur protett taħt l-Iskeda I tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi. Minkejja l-ilmenti tal-appellant fir-rigward, din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddubita mill-fatt illi oltre l-għasfur taż-żebbuġ, minn fuq is-sit in kwistjoni ġie elevat ukoll l-għasfur Birwina, u dan minkejja illi l-membri tal-*CABS* ma xehdux f'dan ir-rigward. Fiona Burrows tixhed kif il-post minn fejn hi kienet qegħda tosserva l-għalqa in kwistjoni kien madwar tletin metru 'l bogħod mill-istess għalqa. In oltre l-fatt illi kien hemm ċerta distanza bejn il-post li minnu kienu qegħdin josservaw Burrows u l-kollega tagħha, u l-għalqa in kwistjoni, jirriżulta wkoll mill-filmat esebit mill-istess Burrows. Mill-banda l-oħra, l-Uffiċjali tal-Pulizija daħlu ġewwa l-għalqa in kwistjoni, u spezzjonaw mill-viċin il-mansab, b'dan għalhekk illi huwa evidenti illi dawn kienu f'posizzjoni li jinnutaw dettalji, li min-naħa ta' barra, il-membri tal-*CABS* ma setgħux jinnutawhom, inkluż il-fatt illi fuq is-sit in kwistjoni kien hemm għasfur ieħor ossia l-Birwina. Fil-fatt din il-Qorti tinnota wkoll illi fl-affidavit tiegħu, PS 130 jgħid illi minn barra l-għalqa, kull ma seta' jara kien lill-appellant fin-nofs tal-għalqa u quddiemu, gabjetta. Kien biss iżjed tard meta daħal ġewwa l-għalqa u eżamina l-mansab, li seta' jara wkoll qafas tal-injam b'Birwina ġewwa fih. Illi kien hemm Birwina, ġie kkonfermat ukoll minn PC 544. Għaldaqstant, bħall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ma tqisx illi għandha tiskarta xhieda ġuramentata ta' żewġ Uffiċjali tal-Pulizija sempliċiment għaliex l-għasfur in kwistjoni ma ssemmiex mill-membri tal-*CABS*, tenut kont taċ-ċirkostanzi hawn fuq ikkunsidrati.

9. Dwar l-identifikazzjoni tal-Birwina, ukoll bħall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti tqis illi l-għasfur ġie identifikat minn żewġ Uffiċjali tal-Pulizija li jaħdmu fi ħdan l-*Environment Protection Unit* u illi għalhekk huwa mistenni u indubitat illi fil-mansjonijiet taghhom ikollhom konoxxenza tal-ispeċi tal-għasafar li huma jiltaqgħu magħhom kontinwament fuq il-

lant tax-xogħol. Altrimenti huma diffiċilment ikunu f'posizzjoni illi jagħmlu xogħlhom sew. L-identifikazzjoni ta' speċi ta' għasfur ma tirrikjedix analizi xjentifika, bħal per eżempju, kif tirrikjedi l-identifikazzjoni ta' sustanza illeċita, għaliex għasfur jista' jingħaraf, b'dan għalhekk illi din il-Qorti tqis illi tista' tistrieħ fuq il-konoxxenza tal-istess Uffiċjali tal-Pulizija, u fuq l-identifikazzjoni minnhom magħmula tal-ispeċi tal-għasfur in kwistjoni. F'dan il-kuntest jingħad ukoll illi matul il-kontro-eżami tal-istess Uffiċjali tal-Pulizija, id-difiża m'għamlitilhom l-ebda domandi dwar kif huma waslu sabiex jidentifikaw l-għasfur in kwistjoni, u għalhekk minkejja illi d-difiża kellha kull opportunita`, tramite l-kontro-eżami, illi tikkontesta jew twaqqa' din il-parti tax-xhieda tal-istess Uffiċjali tal-Pulizija, dan baqgħet m'għamlitux. Tenut kont ta' dan kollu għalhekk, u tal-fatt illi jirriżulta ppruvat illi fuq il-mansab kien hemm Birwina ġo qafas tal-injam, li evidentement kien qed jintuża bħala lixka, jirriżulta fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-appellant kien qed jipprova jonsob għal din l-ispeċi ta' għasfur, b'dan għalhekk illi anke għal din ir-raġuni, l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija dwar it-tielet imputazzjoni.

10. Illi s-sitt imputazzjoni tikkontempla r-reat taħt ir-Regolament 5(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, li jaqra hekk:

> Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 9 ħadd ma għandu jikkaċċja jew jipprova jikkaċċja lil xi għasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II

u dan fit-termini tas-sitt imputazzjoni, b'referenza għall-Birwina jew *Charadrius Morinellus*, inkluż fl-Iskeda I.

11. Din il-Qorti tirrileva illi in kwantu din l-imputazzjoni, l-appellant għandu raġun. Fit-termini tar-Regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, *"kaċċa" u "tikkaċċja" tfisser tikkaċċja jew tuża arma tan-nar jew arma oħra ta' kull tip sabiex tikkaċċja*", u għalhekk la darba l-appellant kien qiegħed jonsob u mhux jikkaċċja fit-termini tal-liġi, huwa ma setax jinstab ħati tar-reat mertu tas-sitt imputazzjoni, b'dan għalhekk illi in kwantu din l-imputazzjoni, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ.

12. Illi permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta mill-piena erogata mill-ewwel Qorti, in kwantu din hija piena eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

13. Huwa prinċipju ormai stabbilt illi f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita` illi jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Dwar dan, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005, fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004,* filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede Superjuri, kif ukoll f'dik Inferjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...*that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle*." Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the**

**severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.”**[7]

14. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analizi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[8]

15. It-tielet proviso tar-Regolament 27(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 jaqra bil-mod segwenti:

> Kull persuna li twettaq reat kontra r-regolamenti 4, 6, 18, 19, 21, 23 u 24 tista' teħel:
>
> ...
>
> Iżda wkoll minkejja dak provdut f'dan is-subregolament, kull persuna li tikkaċċja jew tittanta li tikkaċċja jew tieħu jew tittanta li tieħu għasafar inklużi fl-Iskeda I jew fl-Iskeda IX, iżda mhux inklużi fl-Iskeda II, teħel:
>
> (a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' ħamest elef euro (€5,000) jew priġunerija għal żmien sena, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kif ukoll ir-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa skont dawn ir-regolamenti u skont it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*;

---

[7] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għall-paġna 165, para. D23.45

[8] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

16. Għaldaqstant ir-revoka permanenti tal-liċenzja hija <u>tassattiva</u> bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija fejn ir-reat jinvolvi l-kaċċa jew l-insib ta' xi wieħed mill-għasafar elenkati fl-Iskeda I jew fl-Iskeda IX tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, bħal ma hija l-Birwina, li fil-fatt tinsab elenkata fl-Iskeda I tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja. Għalhekk minkejja illi l-appellant ma kellux jinstab ħati tas-sitt imputazzjoni, la darba nstab ħati tat-tielet imputazzjoni, u dan fir-rigward tal-ispeċi tal-għasfur Birwina, din il-Qorti tqis illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta fil-piena li erogat ossia piena ta' multa ta' ħamest elef ewro (€5,000) u r-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa skont ir-Regolamenti u skont it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet ta' Pulizija. Hawnhekk issir referenza wkoll għal dak li jgħid ir-raba' proviso taħt ir-Regolament 27(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u illi l-istess appellant jagħmel referenza għalih billi rrefera għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tas-27 ta' Marzu 2023, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Miguel Zammit**</u>:

> Iżda wkoll, <u>**bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament**</u>, waqt li tkun qed tikkonsidra s-serjeta' tar-reat, il-Qorti tista' tikkunsidra, fost l-oħrajn, dan li ġej:
>
> (a) l-impatt li dak ir-reat għandu fuq l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċi milquta;
>
> (b) l-istatus ta' protezzjoni legali jew amministrattiv taż-żona fejn ikun seħħ ir-reat;
>
> (c) il-ħsara possibbli li tista' ssir lill-bilanċ ekoloġiku taż-żona fejn ikun seħħ ir-reat;
>
> (d) l-impatt ta' dak ir-reat fuq il-pubbliku ġenerali minħabba fil-post, ħin, speċi involuta jew kwalunkwe ħaġa oħra simili involuta fir-reat;
>
> (e) il-valur intrinsiku tal-flora u l-fawna selvaġġa;
>
> (f) il-benefiċċji soċjo-ekonomiċi tal-flora u l-fawna selvaġġa;
>
> (g) l-interess pubbliku; u

(h) il-valur potenzjali tal-qligħ illegali.

17. Hawnhekk hija l-liġi stess li tippermetti d-diskrezzjoni lill-Qorti fil-piena li timponi wara li ssir evalwazzjoni tas-serjeta` tar-reat skont il-kriterji u l-fatturi elenkati fl-imsemmi proviso, b'dan madankollu, illi d-diskrezzjoni hija waħda limitata għal dik il-piena li tippreskrivi l-liġi fit-tielet proviso, fuq ċitat, tant illi r-raba' proviso juża l-kliem "*bla ħsara għad-dispozizzjonijiet ta' dan is-subregolament*". Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ifisser illi l-evalwazzjoni li tista' tagħmel il-Qorti skont l-imsemmija kriterji tolqot **biss** dawk il-partijiet tas-sub-regolament (a) tat-tielet proviso li l-liġi ma tirrikjedix l-impożizzjoni tassattiva tagħhom, u allura in kwantu jrid jiġi deċiż jekk tiġix imposta l-piena tal-multa jew tal-priġunerija jew inkella tal-multa u tal-priġunerija flimkien. In kwantu r-revoka tal-liċenzja, din hija waħda tassattivament permanenti u għalhekk m'hemmx lok ta' diskrezzjoni fir-rigward. Fil-fatt, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Miguel Zammit**, fuq imsemmija, wara li din il-Qorti, kif diversament preseduta, ikkunsidrat uħud minn dawn il-fatturi, inkluż *The IUCN Red List of Threatened Species,* l-istess Qorti laqgħet it-talba tal-appellant, b'dan għalhekk illi ħassret is-sentenza appellata f'dik il-parti konċernanti l-piena ta' sena priġunerija effettiva u minflok għaddiet sabiex tikkundanna lill-appellant għal piena ta' sena priġunerija sospiża għall-perjodu ta' sentejn. In oltre, f'dak il-każ, il-Qorti kkonfermat il-bqija tas-sentenza fl-intier tagħha, b'dan għalhekk illi kkonfermat dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat ir-revoka permanenti tal-liċenzja jew tal-permess rilevanti maħruġa f'isem il-ħati skont ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u skont it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal Liġijiet tal-Pulizija.

18. Illi għalhekk in kwantu l-appellant ġie kkundannat mill-ewwel Qorti, għall-piena ta' multa ta' ħamest elef ewro (€5,000) u għar-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u skont it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, din il-piena mhux biss hija fil-parametri tal-liġi, iżda in kwantu għar-revoka permanenti tal-liċenzja, din hija waħda tassattiva skont il-liġi. Għaldaqstant, dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' in parte l-appell tal-appellant **Carmel FARRUGIA** u filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, in kwantu wkoll sabet lill-appellant mhux ħati tar-raba' u tal-ħames imputazzjonijiet u lliberatu minnhom u in kwantu għall-piena erogata inkluż ukoll ir-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ skont ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u skont it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tas-sitt imputazzjoni, u tilliberah mill-istess.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

**Joyce Agius**
**Deputat Reġistratur**